# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2023**

**Kawża Nru: 9182/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elisia Scicluna)**

**vs**

**James Farrugia (K.I. 0444886M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat James Farrugia ta' 36 sena, iben Anthony u Maria Assunta nee' Falzon, mwieled nhar l-4 ta' Ottubru 1986 gewwa il-Pieta', residenti ġewwa BLK A, Flat 3, Qasam ta' Penellu, triq is-Sifa, Mellieha, detentur tal-karta ta' l-identita' 0444886M u ċioé:

*talli fl-24 ta' Novembru 2023 u/jew fil-granet u/jew gimghat u/jew fix-xhur ta' qabel gewwa l-Gzejjer Maltin;*

1. ***Kiser il-liberta proviżorja*** *billi naqas milli jħares il-kundizzjoniet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Magt. Dr Claire*

*L. Stafrace Zammit LL.D., b'digriet mogħti nhar it-03 ta' Awwissu 2023, li bih ħa l-ħelsien mill-arrest.*
***Artiklu 579 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta***

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba tirrevoka is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanziji liema somma totali għandha tiġi mgħoddija favur il-gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi James Farrugia u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi mputat fejn b' digriet hawn fuq imsemmija, kien ingħata l-ħelsien mill-arrest, kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li titratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali, meta hu kien ġie misjub ħati u ikkundannat għal-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru 2023[1].

Semgħet ix-xhieda tal-Ispettur Elisia Scicluna[2].

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 2023[3].

[1] Verbal relattiv jinsab a fol 3 *et seq* tal-proċess.
[2] Magħmula waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2023. Xhieda relattiva tibda a fol 15 tal-proċess.
[3] A fol 19 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda ta' Stefania Calafato Testa bħala Assistent Reġistratur fil-Qrati Kriminali u Tribunali[4], ta' Oswald Balzan bħala rappreżentant tal-Isptar Monte Carmeli[5] u ta' Sefora Degiorgio, ħaddiema fi ħdan l-Aġenzija Sedqa[6].

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023[7].

Semgħet ix-xhieda ta' Joanna Farrugia, uffiċjal tal-*probation*[8].

Semgħet ix-xhieda tal-imputat[9].

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-prosekuzzjoni u tad-difiża[10].

Rat l-atti proċesswali kollha u rat li din il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

1) **Fatti**

Illi l-fatti li jemerġu mill-atti proċesswali ta' dan il-każ huma s-segwenti. L-imputat, jinsab mixli bi ksur tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara li huwa allegatament naqas milli josserva l-kundizzjonijiet imposti fuqu skond digriet relattiv datat 3 ta' Awwissu 2023[11].

---

[4] Xhieda relattiva tibda a fol 21 tal-proċess.
[5] Xhieda relattiva tibda a fol 28 tal-proċess.
[6] Xhieda relattiva tibda a fol 51 tal-proċess.
[7] A fol 54 tal-proċess.
[8] Xhieda relattiva tibda a fol 56 tal-proċess.
[9] Xhieda relattiva tibda a fol 60 tal-proċess.
[10] Liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta u tinsab a fol 65 *et seq* tal-proċess.
[11] Vera kopja tal-istess huwa mmkart bħala Dok SC u jinsb a fol 22 tal-proċess.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet l-Ispettur Elisia Scicluna[12]. Hawn tispjega li fl-20 ta' Lulju ta' din is-sena hija ressqet b'arrest lill-imputat quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Fit-3 ta' Awwissu 2023 huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jiffirma nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa ġewwa l-Għassa tar-Rabat (Għawdex). Huwa ngħata din il-possibilitá, (li jiffirma Għawdex) għaliex kien hu stess li talab li jsir hekk minħabba li kellu xogħol hemm[13]. Tgħid li minn dakinhar ma kienx hemm firma waħda tal-imputat u għajr notament wieħed li huwa kien daħal l-Isptar Monte Carmeli fis-16 ta' Awwissu 2023, ma hemm xejn aktar indikat fil-ktieb relattiv[14]. Tkompli tispjega li huwa kien ammetta li kien tilef ix-xogħol tiegħu u kien dieħel u ħiereġ l-Isptar.

Illi xehdet ukoll Stefania Calafato Testa[15] li ppreżentat d-dokumentazzjoni relattiva.

Illi xehed Oswald Balzan, rappreżentat tal-Isptar Monte Carmeli li ppreżentat faxxiklu rigwardanti diversi dati fejn l-imputat daħal u ġie rilaxxat mill-Isptar Monte Carmeli.

Illi xehdet ukoll Sefora Degiorgio, ħaddiem fi ħdan l-Aġenzija Sedqa[16].Wara li għarrfet lill-imputat fl-awla, spjegat li hija kienet ilha s-segwi lill-imputat minn Ottubru tas-sena 2023. Il-pjan huwa li jattendi programm ta' riabilitazzjoni ġewwa komunità Santa Marija. Kien hu li avviċina lill-Aġenzija minn jeddu fit-2 ta' Ottubru 2023.

[12] Seduta tal-25 ta' Novembru 2023.
[13] Kif anke jwieġeb l-imputat għall-aħħar mistoqsija li saret waqt l-istqarrija tiegħu.
[14] Eżebit u jinsab ġewwa envelop a fol 14 tal-proċess.
[15] Seduta tad-29 ta' Novembru 2023.
[16] Seduta tad-29 ta' Novembru 2023.

Illi xehdet ukoll Joanna Farrugia, uffiċjal tal-*probation*[17]. Hawnhekk tispjega li ilha ssegwi lill-imputat għal dawn l-aħħar ħames snin fuq ordnijiet varji. Għad li l-imputat fis-sajf ta' din is-sena kien kważi lesta programm huwa kien twaqqaf lejn l-aħħar. Riċentement il-kuntatt m'għadux l-istess, u falla diversi appuntamenti. Għalkemm taf li għamel żmien jgħix Għawdex huwa kien ġie lura Malta. Tgħid li huwa fl-interess tal-imputat li jkun f'ambjent *contained.* In kontro-eżami tgħid li jekk jidħol il-ħabs jkollu jerġa jibda l-programm mill-ġdid.

Illi fl-aħħar seduta xehed ukoll l-imputat[18]. Hawnhekk jikkonferma mal-ewwel li huma ma marx jiffirma għaliex kellu problema ta' *depression*. Daħal diversi drabi l-Isptar Monte Carmeli iżda ħareġ diversi drabi wkoll. F'Ottubru mar is-Sedqa volontarjament u beda jieħu l-*methadone*. Jgħid li huwa jrid jibda programm u infurmat li hemm ċans jagħmel dan fil-15 ta' Diċembru 2023. In kontro-eżami jaqbel li huwa kien mgħarraf bil-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Jaqbel li huwa qatt ma ffirma. Jaqbel li għamel perjodi twal barra mill-Isptar. Jaqbel ukoll li qatt ma nforma l-Qorti bit-tibdil tiegħu.

**2) Mertu tar-reat u riżultanzi.**

Illi tajjeb li din il-Qorti terġa tfakkar li l-kundizzjonijiet tal-ħelsien tal-arrest ma jingħatawx għal xejn. Huma turija tal-fidi li tkun tat il-Qorti lil xi imputat sakemm huwa joqgħod magħhom. Kif kellha okkażjoni tirrimarka tajjeb il-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) riċentement:

[17] Seduta tal-5 ta' Diċembru 2023.
[18] Seduta tal-5 ta' Diċembru 2023.

*"Il-kundizzjonijiet kollha tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest għandhom jiġu osservati b'mod skrupoluż. Dan peress li kull kundizzjoni imposta mill-Qorti għandha l-importanza partikolari tagħha. Li kieku l-Qorti ma ħassetx li għandha timponi dik il-kundizzjoni f'dak il-każ, hija kienet sempliċiment tħalliha barra. Il-fatt li l-Qorti tkun inkludiet kundizzjoni fid-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest, ifisser li dik il-Qorti ħasset il-ħtieġa li tafda lir-rikorrent dment li huwa joqgħod għal dik il-kundizzjoni partikolari. B'hekk kull kundizzjoni hija importanti f'dan l-isfond"*[19].

Illi huwa propju għalhekk li persuna għandha timxi bl-akbar retta mal-kundizzjonijiet imposti fuqha[20].

---

[19] Paragrafu 47 tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Frederick Dalli,** (App Nru: 62/2020) mogħtija nhar it-23 ta' Novembru 2021.

[20] F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Galea,** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il- ta' Novembru 2021 fejn ġie mfakkar hekk: "*Jibda biex jiġi osservat illi l-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest ma huma qatt mogħtija għal xejn b'xejn u kollha kemm huma huma intiżi biex il-persuna soġġetta għal tali kondizzjonijiet tidher il-Qorti kull meta hija mitluba tagħmel dan. Jekk wieħed ikun qed igawdi mill-libertà proviżorja, għandu jimxi skrupolożament mal-kundizzjonijiet imposti fid-Digriet u mhux jaġixxi kif jidhirlu hu b'disrispett totali tal-kondizzjonijiet imposti fuqu."* Fuq l-istess vena, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fabio Psaila,** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-27 ta' Settembru 2012 fejn ġie ritenut hekk: *"Dana pero' l-kundizzjonijiet talliberta provizorji mhumiex moghtija ghalxejn u kollha jservu ghall-ghan wiehed biex jassiguraw illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jigi jitlub jaghmel dan. Peress illi lappellant huwa akkuzat taht il-Ligi Kriminali jkun hem ilhtiega illi jigi notifikat bid-deferimenti tal-kawza u ghalhekk jigu mposti fuqu kundizzjonijiet ta' l-iffirmar biex il-pulizija Kopja ma jkolliex diffikulta tinnotifikah. L-appellant kiser wahda minn dawn il-kundizzjonijiet, jekk biddilx l-indirizz tieghu jew le l-Qorti ma tafx peress illi dan ma rrizultax imma rrizulta bhala fatt illi l-appellant ma ffirmax l-ghassa tal-Hamrun kif kien obligat jaghmel u ghal kwazi xahar shih baqa' mfittex mill-pulizija minghajr lanqas ma ndenja ruhu jghidilhom fejn kien. Il-fatt illi fis-26 ta' Dicembru, 2010 ta ruhu b'idejh lill-pulizija m'ghandiex titqies illi ghamel xi bravura jew ghamel xi koncessjoni lill-pulizija billi ffrankalhom il-hin sabiex joqghodu jfittxuh. Kien lappellant illi ma qaghadx ghall-obligazzjonijiet imposti fuqu u quindi kien l-appellant illi kellu jara kif jimmitiga lkonsegwenzi ta' dan in-nuqqas tieghu."*

Illi mill-assjem tal-provi joħroġ indubitat li l-imputat ma qgħadx mal-kundizzjonijiet tiegħu tant li minn dakinhar li huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest, **huwa qatt ma ffirma.** Dan frankament joħroġ kemm mill-istqarrija maħruġa regolarment tiegħu u kif ukoll mix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, apparti naturalment il-preżentata tal-ktieb relattiv. Ikollu jiġi mistqarr li kien ikun ferm aktar għaqli li l-imputat jammetti din l-akkuża fil-preżentata tal-każ, għaliex hekk seta' potenzjalment jibbenefika minn mitigazzjoni fil-piena, ħaġa li issa ma jistax jagħmel aktar.

Illi għalhekk il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Illi madanakollu l-Qorti ssib li ma tistax titratta mal-imputat bħala reċidiv kif mitlub u dan għaliex fl-atti ma ġewx ippreżentati s-sentenzi rilevanti, iżda l-Qorti għandha biss kopja tal-fedina penali tiegħu. Huwa aċċettat li din m'hijiex l-aqwa prova[21].

[21] Fost diversi, l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-5 ta' Novembru 2001 fejn intqal hekk: *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ....".* Fuq l-istess tematika, ssir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra,** (App Krim Nru: 272/2002) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede Inferjuri) nhar il-24 ta' Frar 2003 fejn intqal hekk *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza*

## 3) Piena

Illi kif ġie aċċennat aktar qabel, għal din il-Qorti in-nuqqas tal-imputat (issa l-ħati) ma jistax jingħad li huwa wieħed żgħir. Għal diversi xhur kellu kull okkażjoni li jħejji rikors biex jitlob il-varjazzjoni tal-kundizzjonijiet imposti fuqu[22], iżda dak li ċertament ma setax jagħmel huwa li ma jagħtix każ bħallikieku dak id-digriet huwa wieħed ineżistenti. Il-kwistjoni tad-dħul tiegħu fl-isptar Monte Carmeli ċertament ma tistax tintuża bħala difiża fejjieda. Dan m'huwiex każ fejn mit-3 ta' Awwissu 2023 (data tal-għotja tal-ħelsien mill-arrest) l'hemm huwa baqa' miżmum hemmhekk.

Illi huwa minnu li bl-emendi leġislattivi kemxejn riċenti[23], illum il-Qrati għandhom diskrezzjoni sabiex, fil-ġudizzju tagħhom jaraw jekk hemmx lok tal-konfiska totali jew parzjali tal-garanziji miġjuba għall-għotja mill-ħelsien t'arrest[24].

Illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ġaladarba l-Qorti qiegħda tqis il-ksur tal-kundizzjoni tal-iffirmar bħala wieħed serju, il-Qorti qiegħda tagħżel li teżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lilha billi tordna l-konfiska tal-ammont impost bħala garanzija *in toto.*

---

*ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

[22] U jerġa jingħad li din il-kundizzjoni, tal-iffirmar ġewwa Għawdex kienet xprunata minn rikjesta tiegħu stess.

[23] ATT XXIX tas-sena 2021.

[24] Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak deċiż kemm fis-sentenza msemmija fin-notament dsatax u s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christian Said,** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-6 ta' Settembru 2019.

4) **Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li m'hijiex tqis lill-imputat bħala reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannaħ għall-perjodu ta' ħames (5) xhur priġunerija effettiva, li minnu għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-proċediment.

Illi l-Qorti qiegħda wkoll, a tenur tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ħamest elef u erba' mitt Ewro (€5,400) rappreżentati l-garanzija miġjuba għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest skond id-digriet tat-3 ta' Awwissu 2023.

Illi l-Qorti qiegħda wkoll, a tenur tal-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-ħati mid-digriet tal-ħelsien mill-arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Claire Stafrace Zammit nhar it-3 ta' Awwissu 2023 u tordna l-arrest tiegħu mill-ġdid.

Illi finalment il-Qorti tirrakomanda[25] lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex waqt li l-ħati jkun fil-perjodu ta' inkarċerazzjoni, u safejn jaċċetta l-istess ħati, u jekk għadu l-każ, jiġi offrut u jingħata kull opportunitá possibbli sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga. Għal dan il-għan, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi kkomunikata lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

[25] Kif anke sar aċċenn għal dan mill-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni tal-għeluq.

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur